MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1135/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**VS**
**1. Loreto Abela u Mary Abela Penza**
**(K.I. numri 289347 (M) u 147352(M))**

**2. Mill Masters Limited (C 7155)**

Il-Qorti ;

Rat ir-rikors guramentat minn Romuald Attard ghas-socjeta' rikorrenti, tas-16 ta' Novembru 2012 li jaqra hekk:

*1. "Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja datat 23 ta' Frar 2007 (Dok. "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Loreto Abela u Mary Abela Penza;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Loreto Abela u Mary Abela Penza fis-somma ta' hames mija u erbgha u*

*sittin elf, tlett mija u sitta u erbghin Ewro u tnax –il centezmu (€564,346.12) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Loreto Abela u Mary Abela Penza mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B1 sa B2" , u Dok. "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit- 12 t'Ottubru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3. Illi permezz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja datat 23 ta' Frar 2007 (Dok. "A") is-socjeta'konvenuta Mill Masters Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Loreto Abela u Mary Abela Penza ghaf-favur tal-Bank of Vallettas p.l.c. id-debiti ta' l-istess Loreto Abela u Mary Abela Penza mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

*4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament , billi Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta Mill Masters Limited:*

*(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta Mill Masters Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta'zewg ittri ufficjali datati 14 ta' Frar 2012, li kopji taghhom qed jigu hawn ezibiti u mmarakti Dok. "D", u Dok. "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob lil Din il-Qorti Joghgobha:*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament , billi Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta Mill Masters Limited*
*(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta' Mill Masters Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrci , u*

*2. Tikundanna lill-konvenuti Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta' Mill Masters Limited jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" bejniethom is-somma ta' hames mija u erbgha u sittin elf, tlett mija u sitta u erbghin Ewro u tnax –il centezmu (€564,346.12) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Loreto Abela u Mary Abela Penza mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."B1 sa B2" , u Dok. "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit- 12 t'Ottubru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 14 ta' Frar 2012 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat illi ir-rikors guramentat u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati u s-socjeta' intimata permezz ta'-procedura tal-affissjoni, fl-20 ta' Frar 2013, u

bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-22 ta' Frar 2013 u fil-Gazzetti Lokali fis-7 u 8 ta' Marzu 2013;

Rat in-nota tat-2 ta' Mejju 2013, ta'Loreto Abela, Mary Abela Penza u ta' Mill Masters Limited , illi biha amettew it-talbiet tal-bank attur;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Billi l-provi dokumentari prodotti mill-bank attur, mhumiex kontradetti anzi jirrizulta illi l-konvenuti intavolaw nota t'ammissjoni pjena ghat-talbiet tal-bank attur;

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta Mill Masters Limited:

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;

(b) Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew ;

(c) Kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta' Mill Masters Limited li pperikolaw jew affettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrci , u

2. Tikundanna lill-konvenuti Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta' Mill Masters Limited jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" bejniethom is-somma ta' hames mija u erbgha u sittin elf, tlett mija u sitta u erbghin

Ewro u tnax –il centezmu (€564,346.12) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Loreto Abela u Mary Abela Penza mal-Bank of Valletta p.l.c kif indikat fir-rikors promotorju, flimkien mal-imghax ulterjuri mit- 12 t’Ottubru 2012 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimati Loreto Abela u Mary Abela Penza u s-socjeta’ Mill Masters Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------